# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**DECIZJONI PRELIMINARI NUMRU 2214**

**Chairperson Avv. Vanessa Vella LL.D.**

**Kaz Nru. 3047/VV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Janika Spiteri**

**u**

**Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST)**

dwar allegati abbuzi, vittimizzazzjoni u agir fastidjuz

**Seduta tal-15 ta' Marzu 2013**

Permezz ta' din id-decizjoni qed tigi deciza l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat Peter Fenech f'isem il-kullegg intimat fid-dikjarazzjoni tal-fatti tal-kaz prezentata fis-19 ta' Settembru, 2012, liema eccezzjoni tghid li *ai termini* tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex moghni bil-gurisdizzjoni ghal talba simili.

**<u>Fatti</u>**

Illi dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors promotur tar-rikorrenti Janika Spiteri prezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fis-17 ta' Lulju 2012, liema rikors ghadda ghand it-Tribunal fit-18 ta' Lulju 2012. Fit-3 ta' Settembru 2012 dan it-Tribunal rcieva dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrenti fejn gie dikjarat li r-rikors promotur fuq imsemmi ghandu jifforma parti mid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha.

Illi sussegwentement, il-kullegg intimat pprezenta id-dikjarazzjoni tal-kaz fir-Registru tal-Qrati Superjuri datat 19 ta' Settembru 2012.

Illi l-ewwel seduta f'din il-kwistjoni tax-xoghol inzammet fid-19 t'Ottobru 2012 fil-Qrati Superjuri fejn ir-rikorrenti giet assistita mill-Avv Joanna Vella Cuschieri u ghal kullegg intimat deher l-Avv Peter Fenech.F'din is-seduta id-dikjarazzjoni tal-kaz gew skambjati bejn il-partijiet u t-Tribunal ghamel appell ghall-ftehim bonarju.

Illi fit-tieni seduta li nzammet fit-18 ta' Jannar 2013 l-avukati taz-zewg partiiet ttrattaw l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta rikorrenti illi dan it-Tribunal m'ghandux gurisidizzjoni jisma' l-kwistjoni tax-xoghol.

Illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi,partikolarment ghall-iskopijiet tal-artikolu 78 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi dikjarat li dan il-kaz ma' setghax jigi deciz fiz-zmien moghti fil-ligi peress li ma kienx logistikament possibbli li l-kaz jinstema' fit-terminu stabbilit.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal ra r-rikors promotur prezentat mir-rikorrenti u d-Dikjarazzjoni tal-Kaz fejn qed tallega li l-agir ta' mpjegat tal-kullegg intimat jikkwalifika bhala vittimizzazzjoni u agir ta' fastidju fil-konfront tar-rikorrenti u dan bi ksur tal-artikolu 28 u 29 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi l-kaz *ai termini* tal-artikolu 30 *et seq* tal-Kap. 452 inkluz hlas ta' kumpens gust ghal dak li hija sofrietu anke sahansitra jekk ikun il-kaz tinghata l-impjieg lura.

L-intimat jghid illi dan it-Tribunal m'ghandux il-gurisdizzjoni li jisma dan il-kaz *ai termini* tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma jindika pero ir-raguni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni. M'hemmx spjegazzjoni tar-raguni jew ragunijiet ghalfejn qed jinghad li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni.

Kif inghad tajjeb mid-difensur tal-intimat fit-trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrjali hija stabbilita mill-artikolu 75 tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal ezamina l-ewwel (1) subinciz ta' dan l-artikolu li jipprovdi (a) li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni ezklussiva fil-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta, li ma japplikax ghal din il-kwistjoni. Fil-paragrafu (b) il-gurisdizzjoni esklussiva twessghat sabiex tkopri dawk il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I tal-Kap. 452 jew ta' regolamenti preskritti tahtu, ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skond it-Titlolu I tal-Kap. 452 ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industijali u mhux xort'ohra.

Il-Qorti Civili Prim'Awla esprimit ruhha fuq dan il-punt fis-sentenza *in parte* li tat fil-31 ta' Mejju 2010 fil-kawza '**Grima v MH Malta Limited**' fejn inghad li mhux it-Taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal:

'….l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita fil-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta b'deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk salv il-kazijiet indikati fil-ligi stess id-disposizzjoni tal-Kap. 452 ma jistghux jigu nterpretati b'mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.'

Huwa kompitu tat-Tribunal f'dan l-istadju minghajr ma jidhol fil-mertu tal-kaz, li jezamina jekk l-artikolu 28 u 29 tal-kap. 452 li jirreferu ghall-vittimizzazzjoni u ghoti ta' fastidju li jirrigwarda l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet jaqghux taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Kif gia' iktar 'l fuq osservat, l-eccezzjoni tal-kullegg ntimat ma' kienitx specifika ghal liema disposizzjonijiet tat-Titolu I tal-Kap. 452 kienet qeghda tirreferi sabiex issostni l-eccezzjonjiet taghha.

Jidher wkoll li d-difensur tal-intimat, matul it-trattazjoni tal-ewwel eccezzoni, nnutat li r-rikors u d-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Janika Spiteri ma' jaghmlux referenza ghall-artikolu 28 u 29. Dan it-Tribunal ma jaqbilx ghaliex fil-fatt hemm referenza cara ghal dawn l-artikoli tal-ligi fl-atti prezentati mir-rikorrenti.

Huwa evidenti wkoll li minn ezami tal-artikolu 30 tal-Kap. 452 jirrizulta li persuna li tallega li l-principal ikun kiser, jew li l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg ikunu jiksru d-disposizzjonijiet ta' artikoli 26,27,28 jew 29, tista fi zmien erba' xhur mill-ksur allegat tipprezenta lment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal ghandu jisma' dan l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjoniet li jqis xieraq.

Kwindi, il-ligi qeghda specifikament tinkludi d-disposizzjonijiet li jitkellmu fuq il-vittimizzazzjoni u ghoti ta' fastidju fl-ambitu tal-kompetenza tat-Tribunal Industrijali u ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt u m'ghandux l-icken dubju li skond il-ligi ghandu s-setgha li jiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrent partikolarment wara li qies l-artikolu 30 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Decide</u>**

Wara li ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' t-trattazzjoni u ikkonsidra b'reqqa il-fatti u cirkostanzi tal-kaz minghajr ma dahal fil-mertu tal-kaz, dan it-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni tal-kullegg intimat u jordna l-prosegwiment tal-kaz skond il-ligi.

**Avv. Vanessa Vella LL.D.**
Chairperson